**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 t'Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 179/2021 MLF**

**Eco Group Limited**

**vs**

**The Fat Foodies Limited**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' sebat elef seba' mija sitta u erbghin Ewro u disghin centezmi (€7,746.90), rapprezentanti bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u servizzi provduti lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici (fatturi annessi mal-avviz bhala Dok. A u *statement of accounts* anness bhala Dok B) liema merkanzija u servizzi gew debitament accettati.

   Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali numru 476/2021 kontra s-socjeta konvenuta.

2. Rat li s-socjeta konvenuta ma dehritx ghalkemm kienet debitament notifikata, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentat risposta.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

4. Semghet ix-xhieda ta' Louis Borg, direttur tas-socjeta attrici, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023 fejn ikkonferma li l-ammont ta' sebat elef seba' mija sitta u erbghin Euro u disghin centezmu (€7,746.90) ghadhom dovuti mis-socjeta attrici.

5. Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Louis Borg u d-dokumenti ezebiti.

**Konkluzjoni**

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sebat elef seba' mija sita u erbghin Ewro u disghin centezmi (€7,746.90) lis-socjeta attrici, bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

7. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 476/2021, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**